

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Giulio Gambettola (Los Realejos, Spanja) (rappreżentant: F. Brandolini Kujman, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Mejju 2009 (Każ R 632/2008-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Carrols Corp. u Giulio Gambettola.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Carrols Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 220, 12.09.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2012 — mtronix vs UASI — Growth Finance (mtronix)

(Kawża T-353/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali mtronix — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti Montronix — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 73/52)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: mtronix OHG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Schnetzer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schöffner, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Growth Finance AG (Zug, l-Isvizzera)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Ġunju 2009 (Każ R 1557/2007-4), dwar proċediment ta' oppożizzjoni bejn Growth Finance AG u mtronix OHG.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) mtronix OHG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 282, 21.11.2009

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Jannar 2012 — Spar vs UASI — Spa Group Europe (SPA GROUP)

(Kawża T-378/09) (¹)

(“Trade Mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja SPA GROUP — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti SPAR — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Probabbiltà ta' xebh bejn sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2012/C 73/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Spar Handelsgesellschaft mbH (Schenefeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Kaase u J. C. Plate, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Spa Group Europe Ltd & Co. KG (Nürnberg, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Lulju 2009 (Każ R 123/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Spar Handelsgesellschaft mbH u Spa Group Europe Ltd & Co. KG.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Spar Handelsgesellschaft mbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 282, 21.11.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Jannar 2012 — Cervecería Modelo vs UASI — Plataforma Continental (LA VICTORIA DE MEXICO)

(Kawża T-205/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali LA VICTORIA DE MEXICO — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti li tinkludi l-element verbali ‘victoria’ u trade mark nazzjonali verbali preċedenti VICTORIA — Rifjut parzjali ta' reġistrazzjoni — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 73/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Cervecería Modelo, SA de CV (Messiku, il-Messiku) (rappreżentant: C. Lema Devesa, avukat)